MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 355/2010

**Europrint Limited**

**(C – 18637)**

**vs**

**Media Link Communications Co. Limited**

**(C – 6170)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat fuq riferit datat it-12 t'April, 2010, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi wettqet diversi servizzi u xoghlijiet rigwardanti pubblikazzjonijiet u materjal promozzjonali fuq talba tas-socjeta` intimata li hadet konsenja tal-istess;

1.2 Illi s-socjeta` intimata ghandha thallas il-bilanc indikat fir-rikors guramentat promotur lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 1);

1.3 Illi l-bilanc hu cert, likwidu u dovut, u ma thallasx nonostante diversi weghdiet f'dan is-sens;

1.4 Illi *di piu`*, nonostante li interpellata, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

1.5 Illi konsegwentement aderiet din il-qorti biex din:

1.5.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti f' somma bilancjali ta' dik riferita aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2)), rapprezentanti l-ammont li ghadu dovut ta' xoghlijiet u servizzi rezi lis-socjeta` intimata fuq talba taghha stess;

1.5.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont premess, bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-fatturi sad-data tal-parament effettiv;

1.5.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2.0 Rat is-sentenza parzjali preliminari datata l-11 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati awtorizzat lis-

socjeta` intimata tipprezenta r-risposta taghha ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara fol 64 *et sequitur*);

3.0 Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata t-30 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1 Illi permezz ta' kuntratt datat it-28 ta' Dicembru, 1999, (ara fol 72 *et sequitur*), is-socjeta` intimata kienet silfet l-ammont hemm indikat lis-socjeta` rikorrenti, liema ammont kellu jintradd lura bil-modalita` hemm indikata;

3.2 Illi s-socjeta` intimata m'hix taqbel ma' xi partiti fil-kont anness mar-rikors guramentat promotur;

3.3 Illi ghalhekk din id-dokumentazzjoni npprezentata mis-socjeta` rikorrenti mhix tirrifletti dak indikat fil-kuntratt *de quo*, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1), aktar qabel);

3.4 Illi ghalhekk ukoll, l-ammont pretiz mhux kollu dovut;

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5. Ezaminat id-dokumentazzjoni kollha prodotta;

6. Ezaminat in-nota konguntiva tal-partijiet datata t-13 ta' Marzu, 2014, (ara fol 101);

Ikkunsidrat:

7. Illi tenut kont tal-imsemmija nota konguntiva li l-paragrafu taghha enumerat bin-numru wiehed (1), gie wkoll konfermat mix-xhud

rapprezentant tas-socjeta` intimata mismugh appozitament fl-udjenza tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, din il-qorti, filwaqt li tiddikjara li hadet konjizzjoni ta' l-istess nota konguntiva u tax-xhieda guramentata fir-rigward, li kkonfermat l-istess kondizzjonijiet hemm indikati, tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi r-risposta tas-socjeta` ntimata:

**DECIDE:**

7.1 Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fil-modalita` kif konguntivament esposta fin-nota konguntiva *de quo* ipprezentata in atti kif gia` indikat, fit-13 ta' Marzu, 2014, liema dispozizzjonijiet hemm specifikament kontenuti qieghdin a skanz ta' ripetizzjoni inutli u ta' dilungar zejjed jittiehdu li huma lkoll formanti parti integrali minn din is-sentenza;

7.2 Illi wkoll, a bazi tal-istess nota konguntiva, l-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu a bazi ta' taxxa ufficcjali u dan, mis-socjeta` intimata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------